# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' Lulju 2025**

**Nru: 8**

**Rikors Nru. 43/2021/HM**

## TMF Management and Administrative Services (Malta) Limited

**v**

## Olligo Limited,
## Fran Zupic u
## Stefan Krneta

**Daħla**

1. Is-soċjetà attriċi 'TMF Management and Administrative Services (Malta) Limited' (is-'soċjetà attriċi' jew 'TMF') hija awtorizzata biex topera bħala provditur ta' servizzi lill-kumpaniji (*company services provider*). Hija toffri assistenza fil-formazzjoni u fil-ġestjoni ta' kumpaniji, u toffri wkoll servizzi amministrattivi u maniġerjali.

2. TMF qiegħda tfittex il-ħlas tal-bilanċ li tgħid li għadu jrid jitħallas mill-konvenuti għas-servizzi li hija tgħid li pprovditilhom.

**Fatti li taw lok għall-kawża**

3. Fit-3 ta' Ġunju 2015, is-soċjetà attriċi daħlet f'kuntratt imsejjaħ 'Service Agreement' inkluż żewġt skedi annessi miegħu, mas-soċjetà konvenuta Olligo Limited u mal-benefiċċjarji tagħha, il-konvenuti Fran Zupic u Stefan Kretna (il-'Kuntratt').[1] F'dan il-Kuntratt ġie maqbul li s-soċjetà attriċi kellha tipprovdi servizzi korporattivi lis-soċjetà konvenuta u dana versu l-ħlasijiet indikati fl-ewwel skeda tal-Kuntratt. Fi klawsola 3.4 tal-Kuntratt u fi klawsola 21.3 tat-tieni skeda tal-Kuntratt (it-Termini u Kondizzjonijiet Ġenerali), is-soċjetà konvenuta obbligat ruħha solidament mal-konvenuti l-oħra biex tħallas il-miżati indikati fl-ewwel skeda għas-servizzi tas-soċjetà attriċi.

4. Is-soċjetà attriċi tgħid li wettqet diversi xogħolijiet għall-konvenuti. Fost affarijiet oħra, hija wettqet ix-xogħol meħtieġ għall-formazzjoni tal-kumpanija Olligo Limited, ħejjiet id-dikjarazzjonijiet finanzjarji (*financial statements*), il-kontijiet u d-denunzji tal-VAT, ippreparat abbozz ta' ftehim għat-trasferiment ta' xi ishma, wettqet emendi fil-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni, u pprovdiet is-servizzi ta' segretarja tal-kumpanija u ta' uffiċju reġistrat lis-soċjetà konvenuta.[2]

5. Peress li l-konvenuti qatgħu l-kuntatt mas-soċjetà attriċi u waqgħu lura f'diversi pagamenti, fl-2020 is-soċjetà attriċi waqqfet tipprovdi ċertu servizzi, iddeċidiet li tirriżenja mill-kariga ta' segretarja tal-kumpanija u informat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji bis-sitwazzjoni.[3] Hija issa qiegħda tfittex il-ħlas ta' numru ta' fatturi li baqgħu ma ġewx imħallsa mill-konvenuti, li b'kollox jammontaw għas-somma ta' €21,816.50.[4]

6. Il-konvenuti ġew interpellati ripetutament biex jersqu għall-ħlas imma baqgħu ma ħallsux. Skont ix-xhieda tal-*managing director* tas-soċjetà attriċi, il-konvenuti kienu inizjalment wiegħdu lis-soċjetà attriċi li kienu ser iwettqu l-ħlas u li kienu qiegħdin sempliċiment jistennew xi pagamenti deħlin qabel ma jagħmlu dan.[5] Iżda sussegwentement, fl-20 ta' Ottubru 2021 u fit-3 ta' Ġunju 2022, is-soċjetà attriċi rċeviet żewġ korrispondenzi elettroniċi minn avukat inkarigat mis-soċjetà konvenuta u minn Fran Zupic, b'risposta għat-talbiet li għamlet is-soċjetà attriċi għall-ħlas, fejn intqal li

---

[1] Ara kopja tal-Kuntratt u ż-żewġt iskedi annessi miegħu, f'paġni 6-23.
[2] Ara x-xhieda ta' Elian Mallia, *managing diretor* tas-soċjetà attriċi, f'paġni 177(a) – 177(r).
[3] Ibid.
[4] Ara kopja tal-istatement li nħarġet fil-15 ta' Ottubru 2020 b'rendikont tal-pagamenti li s-soċjetà attriċi għad trid tirċievi mill-konvenuti u l-bilanċ pendenti, f'paġni 45-46.
[5] Ara x-xhieda ta' Elian Mallia, *managing diretor* tas-soċjetà attriċi, f'paġni 177(a) – 177(r).

"We are fully disputing the invoices... but we are ready to enter into negotiations in order to resolve this legal issue in a peaceful manner."[6] Għalkemm jidher li kienu qed jirrikonoxxu li kienu obbligati jħallsu l-fatturi indikati, huma ressqu l-argument li l-kumpanija Olligo Limited qatt ma bdiet topera ġewwa Malta, u skont l-istruzzjonijiet li ngħataw lis-soċjetà attriċi, il-kumpanija Olligo Limited kellha tiġi xjolta. Peress li skont il-konvenuti, is-soċjetà attriċi naqset milli ssegwi l-istruzzjonijiet tagħhom, komplew jitilgħu l-ispejjeż għas-soċjetà konvenuta. Il-konvenuti b'hekk sostnew li s-soċjetà attriċi kellha tagħmel tajjeb għal uħud minn dawn l-ispejjeż ġaladarba, għall-kuntrarju tax-xewqiet tagħhom, il-kumpanija Olligo Limited qatt ma tħassret minn fuq ir-reġistru.

7. Is-soċjetà attriċi wieġbet li sabiex il-kumpanija setgħet titħassar minn fuq ir-reġistru, kellu jiġi segwit il-proċess stipulat fil-liġi għall-istralċ volontarju u xoljiment tal-kumpaniji, u li f'dan il-każ, kien jeħtieġ li tiġi rregolarizzata l-pożizzjoni finanzjarja ta' Olligo Limited qabel ma seta' biss jibda dan il-proċess. Fi kwalunkwe każ, is-soċjetà attriċi tgħid li ma kienitx ser taċċetta li twettaq ix-xogħol neċessarju għax-xoljiment tal-kumpanija qabel ma' l-ewwel ikun tħallas id-dejn tal-konvenuti. Hija tiċħad l-allegazzjoni li is-soċjetà konvenuta qatt ma bdiet topera ġewwa Malta, u twieġeb li l-kontijiet ta' qliegħ u telf tas-soċjetà konvenuta juru mod ieħor.[7]

## Kawża tal-lum

8. Peress li ma ntlaħaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża fl-20 ta' Jannar 2021, fuq il-premessi li ġejjin:-[8]

i. Illi s-soċjeta' attriċi tagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji bl-isem ta' *TMF Group* u toffri diversi servizzi inkluż book-keeping, riżorsi umani, servizzi ta' payroll, corporate services kif ukoll servizzi amministrattivi u maniġerjali lil klijenti tagħha;

ii. Illi nhar it-3 ta' Ġunju 2015, is-soċjeta' attriċi ffirmat '*Service Agreement*' flimkien mas-soċjeta' konvenuta Olligo Ltd. soċjeta' reġistrata f'Malta, bin-numru ta' reġistrazzjoni C71315 u reġistrata Smartcity Malta, Block SCM 01, Level 401, Ricasoli Kalkara SCM 1001 u mal-benefiċċjari tagħha, l-konvenuti Fran Zupic detentur tal-Passaport Kroat bin-numru HRV 087915866 u Stefan Krneta detentur tal-passaport Bożnijak bin-numru BIH A1913476;

iii. Illi ai termini tas-*Service Agreement*, il-partijiet qablu li s-soċjeta' attriċi tforni servizzi konsistenti fl-inkorporazzjoni tas-soċjeta konvenuta Olligo Ltd. kif ukoll sabiex tipprovdi servizzi kontinwi lill-istess inkluż is-servizz ta' registered address u ta' company secretary, inkluż ħlasijiet ta' spejjeż u disbursements u dan hekk kif stipulati f'*Schedule 1* tas-*Service Agreement*, kopja ta' liema qed tiġi annessa u mmarkata bħala "Dok TMF 1";

[6] Ara kopja tal-korrispondenzi elettroniċi bejn il-partijiet, f'paġni 238-241.
[7] Ara x-xhieda ta' Elian Mallia, *managing diretor* tas-soċjetà attriċi, f'paġni 177(a) – 177(r).
[8] Ara r-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi tal-20 ta' Jannar 2021, f'paġni 1-5.

iv. Illi hekk kif tajjeb stipulat fil-prijamboli tal-istess kuntratt, kemm is-soċjeta' konvenuta Olligo Ltd. u kemm il-prinċipali tagħha Fran Zupic u Stefan Krneta qablu li jingaġġaw is-soċjeta' attriċi sabiex tforni s-servizzi kontinwi hekk kif imsemmija;

v. Illi ai termini ta' klawżola bin-numru 3.4 tas-*Service Agreement* kif ukoll klawsola bin-numru wieħed u għoxrin punt tlieta (21.3) tat-termini u kundizzjonjiet ġenerali ta' bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti, liema kopja ta' dawn it-termini qed tigi annessa bħala "Dok TMF 2", is-soċjeta' konvenuta Olligo Ltd. in solidum mal-konvenuti l-oħra obbligaw ruħhom versu s-soċjeta' attriċi sabiex huma jħalsu l-miżati hekk kif stabbiliti fis-*Schedule 1;*

vi. Illi l-fattura bin-numru 13262 fl-ammont ta' €6,052.40 hawn annessa bħala "Dok TMF 3", il-fattura bin-numru 13352 fl-ammont ta' €430.05 hawn annessa bħala "Dok TMF 4", il-fattura bn-numru 13419 fl-ammont ta' €1200.65 hawn annessa bħala "Dok TMF 5", il-fattura bin-numru 13468 fl-ammont ta' €147.50 hawn annessa bħala "Dok TMF 6", il-fattura bin-numru 13554 fl-ammont ta' €553.95 hawn annessa bħala "Dok TMF 7", il-fattura bin-numru 13984 fl-ammont ta' €4,224.40 hawn annessa bħala "Dok TMF 8", il-fattura bin-numru 13982 fl-ammont ta' €4,891.10 hawn annessa bħala "Dok TMF 9", il-fattura bin-numru 13983 fl-ammont ta' €4,991.10 hawn annessa bħala "Dok TMF 10", il-fattura bin-numru 14035 fl-ammont ta' €82.60 hawn annessa bħala "Dok TMF 11", il-fattura bin-numru 14117 fl-ammont ta' €144.55 hawn anessa bħala "Dok TMF 12" u l-fattura bin-numru 14267 fl-ammont ta' €47.20 hawn annessa bħala "Dok TMF 13" kumplessivament jammontaw għal €21,816.50 inkluż il-VAT u dan hekk kif jidher ukoll mill-aħħar statement maħruġ mis-soċjeta' attriċi datat 15 ta' Ottubru 2020 hawn anness bħala "Dok TMF 14" fejn jikkonferma l-ammont indikat;

vii. Illi minkejja li s-soċjeta' attriċi provdiet is-servizzi hekk indikati fil-fatturi stipulati skont is-sengħa u l-arti, il-bilanċ ta' €21,816.50 għadu pendenti;

viii. Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-ħlas tal-bilanċ pendenti u minkejja li huma irrikonoxxew il-bilanċ dovut minnhom, tant li ħalsu s-somma ta' €850.00 li tagħmel parti mis-somma indikata fil-fattura maħruġa bin-numru 13262, kif ukoll is-somma ta' €100.00 li tagħmel parti mil-fattura maħruġa bin-numru 13983, il-konvenuti baqgħu inadempjenti u l-bqija tal-pagamenti li flimkien jammontaw għas-somma ta' €21,816.50 qatt ma tħalsu u dan nonostante l-fatt li kien hemm trapass ta' snin minn meta s-soċjeta' attriċi oriġinarjament forniet is-servizzi tagħha lil-konvenuti;

ix. Illi dan in-nuqqas da parti l-konvenuti jammonta wkoll għal ksur materjali ai termini ta' klawsola sitta punt wieħed (6.1) tat-termini u kundizzjonjiet ġenerali ta' bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti għaliex huma naqsu milli jħalsu l-fatturi fil-ħin;

x. Illi jeżistu elementi kollha rikjesti mill-Liġi a tenut tal-artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta billi li d-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba tal-ħlas tal-istess debitu.

9. Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet lill-qorti sabiex:-

i. Tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara il-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf tmien mija u sittax – il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€21,816.50) rappreżentanti f'servizzi inkluż bookkeeping, reporting, corporate u secretarial services, registered address u accounting;

iii. Tikkundanna lil konvenuti in solidum bejniethom sabiex jħalsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' wieħed u għoxrin elf tmien mija u sittax – il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€21,816.50) rappreżentanti f'servizzi inkluż bookkeeping, reporting, corporate u secretarial services, registered address u accounting;

iv. Bl-ispejjeż u bl-imgħax dekorribli skont il-ligi kontra l-konvenuti minn issa inġunti in subizzjoni.

10. Is-soċjetà konvenuta Olligo Limited ġiet innotifikata bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni fit-8 ta' Lulju 2021. Il-konvenut Fran Zupic ġiet innotifikat f'Ġunju 2021

b'*courier* skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000. Dana wara li s-soċjetà attriċi ngħatat l-awtorizzazzjoni mill-qorti għal dan fit-23 ta' Ġunju 2021.[9]

11. Il-konvenut Stefan Krneta jgħix barra mill-UE u għalhekk ma setax jiġi nnotifikat bl-istess proċedura. Minflok kellha tiġi segwita l-proċedura indikata fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 cioè l-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti ġudizzjarji u Estraġudizzjarji f'Affarijiet Ċivili jew Kummerċjali. Skont in-nota ppreżentata mill-Avukat tal-Istat, Stefan Krneta ġie nnotifikat bl-atti tal-kawża fis-6 ta' Marzu 2023.[10]

12. L-ebda wieħed mill-konvenuti ma ressaq risposta ġuramentata fit-terminu stipulat mil-liġi, u għalhekk jitqiesu fi stat ta' kontumaċja.

**Analiżi tal-Qorti**

13. Bħala kreditriċi, jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tipprova l-ħolqien tad-debitu, li d-debitu għadu dovut u li d-debitur baqa' inadempjenti fil-ħlas. Meta tiġi mwettqa t-tali prova, imbagħad il-piż idur fuq id-debitur biex jipprova l-ħlas (jew li jagħmel il-każ tiegħu).

14. F'dan il-każ ġew imressqa:-

  a. kopja tal-Kuntratt li ġie ffirmat fit-3 ta' Ġunju 2015 u ż-żewġt iskedi annessi miegħu;[11]

  b. kopja tal-fatturi għas-servizzi tas-soċjetà attriċi għall-perjodu ta' bejn il-perjodu ta' bejn id-9 ta' Mejju 2017 sal-15 ta' Mejju 2018;[12]

  c. kopja tal-istatement li nħarġet fil-15 ta' Ottubru 2020 b'rendikont tal-pagamenti li s-soċjetà attriċi għad trid tirċievi mill-konvenuti, u l-bilanċ pendenti;[13]

---

[9] Ara d-digriet tal-qorti 23 ta' Ġunju 2021, f'paġni 77-78.
[10] Ara n-nota ppreżentata mill-Avukat tal-Istat, f'paġni 175-176.
[11] Ara kopja tal-Kuntratt u ż-żewġt iskedi annessi miegħu, f'paġni 6-23.
[12] Ara kopja tal-fatturi għas-servizzi tas-soċjetà attriċi, bejn il-perjodu ta' bejn id-9 ta' Mejju 2017 sal-15 ta' Mejju 2018, f'paġni 24-44.
[13] Ara kopja tal-istatement li nħarġet fil-15 ta' Ottubru 2020 b'rendikont tal-pagamenti li s-soċjetà attriċi għad trid tirċievi mill-konvenuti u l-bilanċ pendenti, f'paġni 45-46.

d. prova ta' xogħol imwettaq mis-soċjetà attriċi skont il-Ftehim inkluż abbozz tal-ftehim għat-trasferiment ta' xi ishma kif ukoll kopji tar-rapporti annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji li ġew ippreparati mis-soċjetà attriċi;[14]

e. kopja tal-korrispondenzi elettroniċi bejn il-partijiet, fejn jidher li kien rikonoxximent impliċitu tad-dejn min-naħa tal-konvenuti;[15] u

f. ix-xhieda ta' Elian Mallia, *managing diretor* tas-soċjeta attriċi, b'konferma ta' dan kollu.[16]

15. Fid-dawl ta' dan kollu u n-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti l-intimati, il-qorti tqis li ġie ppruvat id-dejn allegat, u għalhekk il-qorti ser tkun qiegħda tilqa' t-talbiet attriċi.

**Parti deċiżiva**

16. Għaldaqstant, il-qorti qiegħda:-

a. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

b. tiddikjara lill-konvenuti bħala debituri *in solidum* tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' €21,816.50 rappreżentanti servizzi inkluż *bookkeeping, reporting, corporate* u *secretarial services, registered address* u *accounting* u dana skont il-Kuntratt inkluż l-iskedi annessi miegħu;

c. tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex jħallsu lis-soċjetà' attriċi s-somma ta' €21,816.50 rappreżentanti servizzi inkluż *bookkeeping, reporting, corporate* u *secretarial services, registered address* u *accounting* u dana skont il-Kuntratt inkluż l-iskedi annessi miegħu;

Bl-imgħax dekorribbli skont il-liġi mid-data tas-sentenza. L-ispejjeż tal-kawża a karigu tal-konvenuti.

[14] Ara kopja tal-abbozz tal-ftehim għat-trasferiment ta' xi ishma f'paġni 178-185, kif ukoll kopji tar-rapporti annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji f'paġni 222-237.
[15] Ara kopja tal-korrispondenzi elettroniċi bejn il-partijiet, f'paġni 238-241.
[16] Ara x-xhieda ta' Elian Mallia, *managing diretor* tas-soċjetà attriċi, f'paġni 177(a) – 177(r).

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur